# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 32**

**Rikors numru 725/2010/1 AF**

**L-Avukat Dottor Jeremy Debono**

**v.**

**Donald Attard**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-attur ippreżenta fl-20 ta' Lulju, 2010, u li jaqra hekk:

> "1. Illi nhar l-4 ta' Marzu 2009 l-esponenti xtara vettura tat-tip BMW 530D bin-numru tar-registrazzjoni BBT 772 minghand il-konvenut ghall-prezz ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000);
>
> 2. Illi minn dokumentazzjoni ufficjali migjuba mill-Ingilterra, l-esponenti sar jaf ricentement illi il-vettura mibjugha mill-konvenut lill-

esponenti kellha ferm iktar mili minn dak li kien qieghed juri l-*odometer* tal-vettura *de quo* meta din inxtrat minghand il-konvenut;

3. Illi kieku l-mittenti kellu din l-informazzjoni fiz-zmien li sar il-bejgh huwa kien jaghzel li ma jixtrihiex jew inkella li jhallas prezz ferm iktar baxx minn dak li hallas;

4. Illi di piu` l-esponenti kellu ibiddel is-sistema tat-*turbo* tal-vettura stante illi dina garrbet hsara ricentement;

5. Illi dawn d-difetti inaqqsu serjament l-valur tal-vettura mixtrija;

6. Illi l-esponenti diga` interpella kemm-il darba lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' rifuzjoni adegwata, anke permezz ta' ittra ufficjali ipprezentata nhar is-6 ta' Mejju 2010 (kopja legali annessa u immarkata **Dok A**), izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

7. Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant jghidu il-konvenuti ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu difetti okkulti fil-vettura mixtrija mill-esponenti, u senjatament il-vettura tat-tip BMW 530D bin-numru tar-registrazzjoni BBT 772;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jrodd lura dik il-parti tal-prezz imhallas lilu originarjament, li ghandha tigi stabbilita minn dina l-Qorti okkorrendo b'opera ta' periti nominandi minhabba d-difetti okkulti, b'dan illi l-attur jibqa' proprjetarju tal-vettura *de quo*;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2010 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut *nomine* ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa:

"1. Illi *in linea* preliminary l-kawza intentata mill-attur hija palesament perenta ai termini tal-artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi l-istess talbiet ghandhom jigu michuda u l-eccipjent liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li mhux minnu illi l-vettura mibjugha lilu u cioe` l-vettura tat-tip BMW 530D bin-numru

ta' registrazzjoni BBT 772 kienet milquta b'xi difetti okkulti riferibilment ghal fatt li l-*odometer* tal-vettura *de quo* kellu aktar mili meta din inxtrat minghand l-esponenti. L-eccipjenti umilment jirrileva li l-vettura ingiebet Malta bhala sekonda man, u jekk gie pprattikat dan l-ghemil il-konvenut huwa ghal kollox inkonsapevoli ta' dan kollu u estraju minnu. In oltre, b'riferenza ghall-istess allegazzjoni, tali fatt setgha oggettivament jigi skopert mill-attur qabel ma' effettivament xtara l-vettura billi setgha jaghmel il-verifiki necessarji mal-agent lokali tal-BMW;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, b'referenza ghall-hsara li garrbet il-vettura kompravenduta fis-sistema tat-*turbo* wara *circa* sena li effettivament giet mibjugha lill-attur, tali hsara ma tistax tigi attribwita lill-konvenut stante li l-allegata hsara ma pre-ezistietx l-istess bejgh. Konsegwentement qatt ma jista' jammonta ghal difett mohbi fil-mument tal-konkluzjoni tal-bejgh. Tali hsarat fit-*turbo* tista' tigi attribwita ghal hsara li zviluppat wara. Kontrarjament, meta l-vettura nxtrat, din kienet fi stat funzjonabbli tajjeb. Ghaldaqstant il-konvenut ma jafx u ma jistax jigi tenut responsabbli u kwindi anke abbazi ta' tali premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

4. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, qabel mal-attur effettivament ikkonkluda l-bejgh mal-konvenut kien irrikorra ghall-awzilju tal-esperti, u cioe` *mechanic* tal-ghazla tieghu stess fejn il-prezenza ta' Christopher Attard, bin l-istess konvenut, l-vettura mertu ta' din il-kawza giet spezzjonata bir-reqqa gewwa r-*Romblu Garage* f'Hal Qormi u kien biss hawn fejn sussegwentement l-attur pproceda bix-xiri tal-vettura.

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-vettura ma kien fiha ebda difett mohbi kif previst mill-artikolu 1424 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

7. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Mejju, 2017, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni

tal-preskrizzjoni tal-konvenut, ċaħdet ukoll it-talbiet kollha tal-attur, b'dan li, fiċ-ċirkostanzi, kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha;

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi l-azzjoni tal-lum hija dik magħrufa bħala l-*actio aestimatoria* a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-vettura tat-tip BMW 530D, li huwa xtara mingħand il-konvenut, hija milquta minn difetti okkult u ċioè li għandha *mileage* għola minn dak li jaqra l-*odometer* u għaldaqstant, qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jrodd lura dik il-parti tal-prezz li għandha tiġi stabbilita mill-Qorti.
>
> Mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-bidu ta' Marzu tas-sena 2009 l-attur xtara vettura tat-tip BMW 530D mingħand il-konvenut, li huwa *second hand car dealer*, għall-prezz ta' €35,000. Din il-vettura ġiet impurtata mill-Ingilterra. Skont l-*odometer reading* tal-imsemmija vettura, din kienet għamlet madwar 41,000 mil qabel waslet Malta, u ftit tal-ġranet wara xtraha l-attur. Qabel xtara l-vettura, l-attur ħadha għand *mechanic* tal-fiduċja tiegħu li spezzjonaha u nforma lill-attur li kollox kien jidher sew.
>
> Madwar sena wara li xtara l-vettura, l-attur jispjega li nduna li din kienet żviluppat ħsara fit-*turbo*. L-attur jkompli billi jgħid illi peress li ma kienx normali li vettura b'daqstant ftit *mileage* fuqha tiżviluppa din it-tip ta' ħsara, huwa għamel aktar riċerka dwar il-vettura billi akkwista kopja tas-*service* u *test history* tagħha, minn fejn irriżultalu li din il-vettura kienet fil-fatt għamlet mill-inqas 93,301 mil qabel waslet Malta u mhux 41,000 mil kif kien jimmarka l-*odometer* meta xtraha. Minkejja li saru xi trattattivi bejn il-partijiet bl-għan li tinsab soluzzjoni u tiġi evitata din il-kawża, dawn fallew u għaldaqstant, l-attur ipproċeda b'din l-azzjoni.
>
> Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jeċċepixxi li l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jaqra hekk:
>
>> *"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal- ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).”*

Mill-provi jirriżulta li l-attur interpella lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersaq għall-ħlas u likwidazzjoni ta' danni u r-radd lura ta' parti mill-prezz tal-vettura qabel ipproċeda b'din il-kawża. Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-konvenut fit-28 ta' Mejju 2010 u allura 'l fuq minn sitt xhur mill-kunsinna tal-vettura.

Madanakollu, f'dan il-każ ġie muri għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-attur ma setax jikxef dak li huwa jsejjaħlu difett fil-vettura *de quo* u ċioè d-diskrepanza bejn l-*odometer reading* u l-*mileage* attwali tal-vettura qabel żviluppat il-ħsara fit-*turbo*. Mhuwiex raġonevolment mistenni li xerrej ta' vettura jiddubita mill-veraċità tal-*odometer reading* sakemm ma jkollux xi suspett bħal ma ġara fil-każ odjern. Dan kollu seħħ madwar sena wara l-kunsinna tal-vettura, u allura, inqas minn sitt xhur qabel saret l-ittra uffiċjali interpellatorja ta' Mejju 2010. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda tiġi miċħuda.

Imiss issa li jiġu kkunsidrati t-talbiet attriċi. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi din l-azzjoni huma a) bejgħ ta' oġġetti milqut minn difett li jkun b) gravi u serju, ċ) li jkun mistur u d) li jkun diġa jeżisti fil-waqt tal-bejgħ.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-attur qiegħed jilmenta mill-fatt illi l-*odometer reading* tal-vettura ma kienx jirrifletti l-*mileage* attwali tagħha, b'dan illi l-vettura kellha *mileage* ħafna aktar għoli milli kien qiegħed fil-fatt jaqra l-*odometer*. Fir-rigward tad-difett fit-*turbo*, din il-Qorti hija sodisfatta li dan id-difett ma kienx jeżisti fiż-żmien illi l-attur xtara l-vettura mingħand il-konvenut, kif jispjega Jamie Bugeja, il-*mechanic* li kien spezzjona l-vettura oriġinarjament għan-nom tal-attur. Għaldaqstant, dan id-difett ma jistax jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-azzjoni odjerna.

Isegwi li dak li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-ilment prinċipali tal-attur li l-vettura hija milquta minn difett moħbi konsistenti fil-fatt illi din għandha *mileage* għola minn dak illi jaqra l-*odometer*.

Il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Perit Cavaliere Emmanuele Borg vs Carmelo Petroni et tat-30 ta' Lulju 1953 qalet hekk dwar xi jfisser 'difett' għall-finijiet ta' din l-azzjoni:

“*In-nozzjoni teknika fondamentali ta' dak li għandu jiftiehem b'vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa mhix ħaġa li tista' tiġi faċilment stabbilita. Il-kriterju traċċjat minn* ***Tartufari*** *hu fis-sens li jiġi rigwardat l-istat u kundizzjoni objettiva tal-ħaġa individwalment kunsidrata mingħajr*

> *konfront ma' ħwejjeġ oħra, għalkemm tal-istess speċi. Għal kull ħaġa, tkun xi tkun l-ispeċi u l-kwalità, hemm ċertu mod kif tkun dik il-ħaġa li jirrapreżenta l-istat u kondizzjoni normali b'mod li minnu tiddependi l-attitudni tagħha għall-użu li għalih skond in-natura tagħha hija destinata, jew li l-partijiet kellhom f'moħħom fil-konklużjoni tal-kuntratt. Kull devjazzjoni li tinsab fil-ħaġa minn dak "il modo di essere" ordinarju u normali tagħha, tagħmilha vizzjuża u difettuża; u għalhekk b'vizzju jew diffett għandu appuntu wieħed jifhem kull anormalita` jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tiġi riskontrata fil-ħaġa, u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudni għall-użu jew il-bontà u l-integrita` tagħha...Fuq dan il-punt jaqbel* ***Vivante*** *li jgħid:- 'I vizi sono inerenti al modo imperfetto con cui la merce fu fabbricata...il vizio e' un guasto o deperimento della merce, fuori del suo stato normale" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. IV no. 1654). F'dan l-istess sens esprimiet ruħha l-ġurisprudenza, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tat-Tribunali Taljani riportati fir-"Raccolta delle Giurisprudenza sul Codice Civile" (Vol. VIII, paġ. 555, no. 82):- "Il vizio o difetto redibitorio...consiste in una alterazione, un'anomalia, un guasto, un deterioramento, una manchevolezza delle cosa, che alla qualita` stess tolga l'efficacia".*"

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-attur xtara l-vettura bil-premessa li din kienet għamlet biss ċertu ammont ta' mili, mela fil-fatt irriżulta li kienet għamlet ħafna aktar, ma jfissirx illi l-vettura hija milquta minn xi difett kif trid il-liġi u kif imfisser fil-ġurisprudenza citata.

Dak li jilmenta minnu l-attur fil-kawża tal-lum mhuwiex difett fl-*odometer* innifsu. Din id-diskrepanza li dwarha jilmenta l-attur tolqot il-kwalità tal-oġġett mixtri imma b'daqshekk ċertament ma jfissirx illi l-vettura hija milquta b'difett.

Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-oġġett ma kienx konformi mal-ftehim. Il-bejjiegħ huwa obbligat li jikkonsenja l-oġġetti fl-istat u kwalità u bil-kundizzjonijiet l-oħra rigwardanti l-istat kif kien il-ftehim, u jekk ma jikkonsenjax f'dak l-istat, ikun inadempjenti fl-obbligu tiegħu. Madanakollu, dan m'għandu x'jaqsam xejn mad-difetti moħbija. Ix-xerrej għandu dritt illi jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oġġett ma jkunx konformi mal-ftehim abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili fejn l-oġġett ma jkunx tal-kwalità mifthema, sakemm ma jkunx tilef id-dritt bil-fatt tiegħu stess, imma ċertament mhux abbażi tal-garanzija kontra d-difetti moħbija.

Stabbilit illi t-talbiet attriċi kif dedotti ma jistgħux jintlaqgħu, din il-Qorti qieset ukoll dak li ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Mary Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud deċiża fl-24 ta' Ġunju 2011:

> "*Hu magħruf li kawżi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bażi tal-kawżali kif imressqa għal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bażi ta' kawżali partikolari, mhux leċitu għall-parti l-oħra jew għall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawżali. Kif intqal, per eżempju, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Azzopardi v. Azzopardi, deċiża fil-*

> *31 ta' Jannar, 2004, "il-Qorti għandha toqgħod fuq il-kawżali u t-talba dedotta u xejn iżjed".*"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

> "(i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-appellat u cioe dik riportata fl-artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili;
> (i) tilqa dan l-appell u tghaddi biex thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza billi filwaqt li tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet mressqa mill-appellant fir-risposta mahlufa tieghu, tghaddi biex tilqa t-talbiet kif kontenuti fir-rikors mahluf tieghu u konsegwentement tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellant dik il-parti tal-prezz li hija joghgobha taghtih fid-dawl tal-aggravji u l-konsiderazzjonijiet *suesposti,* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

6. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

8. Illi l-attur f'din il-kawża ressaq l-*ao aestimatoria*. Huwa xtara mingħand il-konvenut vettura tat-tip BMW 530D użata u qal li din instab li kellha l-*odometer* imbagħbas għax kien juri *mileage* ferm anqas milli fil-fatt kellha. Qal ukoll li kellu jbiddel is-sistema tat-*turbo* tal-vettura stante illi dina ġarrbet ħsara "*ricentement*". L-attur talab li jitnaqqas il-prezz li ħallas għal din il-vettura.

9. L-ewwel Qorti qalet li n-nuqqas fil-*mileage* kien moħbi, iżda osservat illi l-ħsara fit-*turbo* ma kinitx teżisti fiż-żmien illi l-attur xtara l-vettura, fil-waqt li d-differenza fil-*mileage* tal-vettura ma hux "difett" fis-sens tal-ligi.

10. L-attur appella mis-sentenza u jilmenta li bħala fatt il-vettura li xtara kienet difettuża għax it-*turbo* kien mar kmieni u bilfors li dan kien difettuż.

11. Din il-Qorti tara li safejn jirriżulta nuqqas fl-*odometer*, l-ewwel Qorti kellha raġun tqis li dan mhux difett latenti fis-sens li trid il-liġi. Kif intqal fis-sentenza li kkwotat l-ewwel Qorti (dik fl-ismijiet "<u>Borg v. Petroni</u>" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Lulju, 1953), oġġett jitqies li huwa difettuż meta jaffettwa l-użu tiegħu u jwassal għal devjazzjoni minn dak "*il modo di essere*" ordinarju u normali tiegħu. Il-fatt li l-*odometer* ma kienx juri l-veru *mileage* tal-vettura, ma jaffettwax l-użu normali tal-vettura u lanqas l-effikaċja tagħha.

12. Mhux l-istess, pero`, jista' jingħad dwar il-ħsara fit-*turbo*. Hu veru li l-karozza kienet waħda wżata, pero` l-oġġett xorta huwa kopert bil-garanzija kontra difetti latenti. Dan it-*turbo* ma kellux imur f'anqas minn sena wara li nxtrat kieku l-karozza kienet f'kundizzjoni tajba. F'dan il-każ l-attur xehed li qal li kien fi Frar, 2010, li nduna li l-vettura li kien xtara mingħand il-konvenut ma kellha ġibda xejn. Meta huwa mar għand il-

*mechanic* dan qallu li t-*turbo* kien spiċċa u li kellu jbiddlu. Kien fil-fatt wara li ħarġet din il-ħsara li huwa skopra li kien hemm differenza kbira bejn ir-*reading* tal-*odometer* meta huwa kien akkwista l-vettura mingħand il-konvenut u r-*reading* proprju. Il-ħsara fit-*turbo* ovvju li huwa difett moħbi, għax mhux biss ix-xerrej ma setax jinduna li kien "għajjien", izda jaffettwa l-integrita` taghha. Il-vettura ma kinitx wahda ordinarja, u hu mistenni li jkollha ċerta ġibda, mentri fil-każ kellha avarija u difett serju.

13. Taqbel ukoll li l-attur ma kienx jixtri dik il-vettura b'dak il-prezz li kieku kien jaf b'din l-avarija. Hu qed jitlob li jingħata lura ftit aktar minn €2,140, pero`, meta din il-Qorti rat l-*invoice* relattiva, tara li hemm inkluż spejjeż ta' bdil f'diversi *filters*, li huwa normali li wieħed jibdilhom wara ċertu żmien. Wara li din il-Qorti naqqset diversi spejjeż li dehrilha li ma humiex relatati direttament mal-bdil fit-*turbo*, tasal għall-figura ta' €1,882, u tara li din hija s-somma li l-attur kien iħallas anqas li kieku kien jaf bid-difetti li kellha l-vettura.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Dottor Jeremy Debono billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, ħlief safejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li qed tiġi konfermata, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, bħala rifuzjoni ta' parti mill-prezz

tal-vettura, is-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u tmenin ewro (€1,882), bl-imgħaxijiet legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kollha bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr